# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' April 2001**

**Numru**

**Citaz.  numru:  1693/98 NA**

**Jennifer Muscat u b'digriet tal-Qorti tat-8 ta' Jannar 2001 saret korrezzjoni fil-kunjom u minn "Tayeh" ghandu jinbidel f'"Muscat"**

**vs**

**Halim Tayeh**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fid-19 ta' Awissu 1998 fejn ippremettiet:

"Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fl-10 ta' Marzu tal-1997, u dan kif jidher mill-att taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dokument "A";

Illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga nnifisha, kif ukoll fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Illi ghalhekk skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta) iz-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fl-10 ta' Marzu 1997, huwa null u bla ebda effett fil-ligi;

TALBET li din il-Qorti, ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ccelebrat bejn il-kontendenti fl-10 ta' Marzu 1997 huwa null u bla effett legali ai termini ta' l-Att dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta), u taghti dawk il-provvedimenti l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi hu ngunt biex jidher ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokument esebit.

Il-konvenut gie notifikat personalment fid-19 ta' Lulju 1999 kif jidher mit-torso a fol. 10 tal-process. Il-Qorti trid tqis din in-notifika bhala wahda valida fil-ligi minkejja dak li gie vverbalizzat fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 1999 u dan peress illi ma ngabet ebda prova ulterjuri in sostenn ta' dak allegat f'din is-seduta.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' l-istess konvenut tad-9 ta' Frar, 2000 fejn eccepixxa:

1. "Illi l-eccipjent jaqbel li z-zwieg tieghu ma' l-attrici huwa null imma mhux ghar-raguni migjuba minnha izda minhabba ragunijiet ohra imputabbli lilha stess;

2. Illi l-eccipjent konvenut qed jipprevalixxi ruhu minn din il-kawza u in linea ta' rikonvenzjoni jaghmel kontro-talba u ghalhekk premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

3. Illi l-kontendenti zzewgu fl-10 ta' Marzu 1997, kif jidher mill-att taz-zwieg anness mac-citazzjoni attrici u markat Dokument "A";

4. Illi dan iz-zwieg huwa null minhabba li l-kunsens ta' l-attrici Jennifer Tayeh kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, u/jew b'anomalija psikologika serja li minhabba fiha ma kienx possibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u ghal ragunijiet ohra attribwibbli u bi htija ta' l-istess Jennifer Tayeh previsti fl-Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta."

Rat il-Kontro-Talba rikonvenzjonali tieghu li biha TALAB li din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fl-10 ta' Marzu 1997 hu null u bla effett minhabba li l-kunsens ta' l-attrici Jennifer Tayeh kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, u/jew b'anomalija psikologika serja li minhabba fiha ma kienx possibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u ghar-ragunijiet ohra imputabbli unikament lill-istess attrici Jennifer Tayeh previsti fl-Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 gtal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li tibqa' ngunta ghas-subizzjoni."

F'din l-istess seduta u cioe' tad-19 ta' Lulju 1999 il-Qorti kienet innominat lill-Avukat Dottoressa Yana Micallef Stafrace biex tigbor il-provi u tirrelata.

Ir-relazzjoni giet mahlufa fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2001 fejn il-kawza giet ittrattata u differita ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Perit Legali wara li semghet ix-xhieda li giet moghtija sew *viva voce* sew permezz ta' affidavits u wara li kkunsidrat provi ohra waslet ghall-konkluzzjoni illi sew it-talba attrici sew il-kontro-talba tal-konvenut kellhom jigu milqugha.

> "*L-attrici wriet difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga w id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha b'dan il-komportament taghha. Li tahbi relazzjoni ma' ragel ghal tlett snin u imbaghad tizzewweg f'daqqa, qisu bhala pika w imbaghad taghzel il-genituri fuq ir-ragel hu komportament car li juri dan id-difett.*

> *Il-konvenut ukoll wera difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga w id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha meta izzewweg ghax "imgieghel" u ma l-ewwel sajjetta fiz-zwieg jitlaq jigri barra mill-pajjiz ifittex lil missieru.*"

Ikkunsidrat:-

Il-Qorti ftit tista' zzid ma' dak ikkunsidrat mill-Perit Legali. Jirrizulta illi z-zewg partijiet ma riedu qatt li dan iz-zwieg civili kien ser ikun xi wiehed permanenti. It-tnejn, pero' partikolarment l-attrici, kienet tqisu bhala zwieg ta' prova li seta' jew ma setghax iwassal ghal zwieg proprju. Ovvjament din il-prova ma tidhirx illi kienet success ghax iz-zwieg dam anqas minn xahar qabel ma tfarrak ghal kollox. Skond l-attrici z-zwieg qatt ma gie kkunsmat. Dan il-punt pero' huwa kkontestat mill-konvenut li, effettivament, jikkontesta diversi mill-fatti kif xehdet dwarhom l-attrici.

Dan nonostante l-Qorti jidhrilha illi jezistu ragunijiet sufficjenti da parti taz-zewg partijiet biex dan iz-zwieg jigi ddikjarat null almenu taht is-sub-inciz (d) ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kapitolu

255 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi l-kunsens ta' l-istess partijiet kien "*vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga*" u "*fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha*". Stabbilit dan il-punt il-Qorti jidhrilha li ma ghandhiex ghalfejn tindaga ulterjorment jekk il-kunsens ta' l-attrici kienx ukoll ivvizzjat taht is-sub-inciz (f) ta' dan l-istess Artikolu.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici w il-kontro-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut u tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fl-10 ta' Marzu 1997 huwa null u bla effett legali ai termini ta' l-Att dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta).

Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz l-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu ssopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.